MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru. 47/2004

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
ETIENNE MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Etienne Micallef, ta' 28 sena, iben Anthony u Pauline nee' Bezzina, imwieled Birkirkara nhar it-23 ta' Frar 1975, u residenti 85, Adoniy, Triq Tumas Fenech, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 123575(M), u akkuzat talli bejn Awissu tas-sena 2003 u l-14 ta' Jannar 2004, fil-Marsa, fil-Gzira u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(i) ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat u cioe' minn formula ta'

nominazzjoni tal-programm televisiv Tista' Tkun Int, u dokumenti ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, ghamel xjentement uzu mill-istess art, kitba jew skrittura falza, u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Mary Borg, John Farrugia, Charichelon Company Limited (bhala producers tal-programm televisiv Tista' Tkun Int), u diversi persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) illi sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Marzu 1993.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u wara li rat l-Artikoli 189, 184, 308, 309, 310, 49, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin. In oltre tqieghdu taht ‘supervision order’ ghal perjodu ta’ tliet snin, taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz il-gravita’ tal-kaz; il-konsegwenti sfiducja tas-socjeta’ ghall-kazijiet li verament jirrikjedu l-karita’ genwina tas-socjeta’; il-fatt li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga; il-fatt illi rnexxielu jeghleb dan il-vizzju, isib impjieg fiss u jindokra z-zewgt ibniet zghar tieghu, minkejja l-problemi serjissimi li sab ruhu fihom fil-mori tal-kawza. Illi fl-isfond ta’ dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti temmen illi l-imputat jisthoqqlu jinghata piena ta’ prigunerija sospiza, pero’ tara li jkun ghaqli li jkun hemm supervizjoni ta’ Probation Officer, sabiex il-progress li sar mill-imputat tul is-sentejn li gie segwit minn din il-Qorti, mhux biss ma jintilifx, izda jigi msahhah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------